**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 11 ta' Lulju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**-vs-**

**Pio Valletta, detenur tal-karta tal-identità bin-numru 503058(M)**

***Kumpilazzjoni Nru. 961/2013***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Pio Valletta u ċioè talli:

> F' Novembru, 2011, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, fil-kapaċità tiegħu ta' avukat kif ukoll fil-kapaċità tiegħu bħala direttur ta' diversi soċjetajiet, appropja ruħu bilil dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikata u ċjoè s-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Rakhat Shoraz detentur tal-karta ta' l-identita` numru 57731A u Elnara Shorazova detentriċi tal-karta tal-identità numru 57732(A) ai termini tal-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-30 ta' Jannar, 2017,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' Novembru 2011 u fis-snin ta' qabel, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-2 ta' Gunju, 2016.

Illi L-**Ispettur Maurice Curmi** xehed li kien ircieva rapport minghand Elnara Shorazova li kienet allegat li kienu inkarigaw lill-imputat jixtri xi propjeta` ghaliha u ghal zewgha minhabba li kien hemm il-hsieb li mill-Awstrija jigu jghixu Malta. Wara kienet sabet li gew migbuda flejjes mill-kont taghha li l-imputat qal kienu ghall-servizzji u spejjez legali li ghalihom kien sussegwentement tahom ricevuta biex jindikalhom fejn intefqu l-flus. Ammont ta' €2.4 miljun gie depozitat f'kumpanija bl-isem A&P Power Ltd. li mbaghad gew transferit f'kontijiet ohra relatati mal-imputat. Irrizultaw diskrepanzi bejn l-ircevuta u t-transfers li gew analizzati u gie deciz li jittiehdu passi kontra l-imputat fuq approprijazzjoni indebita. Ftit ta' zmien wara kien intlahaq ftehim mal-kwerelanti fejn gie maqbul li kellha tithallas lura somma flus. Fil-mori tal-kawza kien miet il-kwerelant Rakhat Shoraz filwaqt li Elnara Shorazova li kienet telqet minn Malta b'mod permanenti ddikjarat li ma kellha l-ebda interess ulterjuri fil-proceduri peress li s-sitwazzjoni kienet rrizolviet ruhha.

Giet prezentata stqarrija tal-imputat fejn l-imputat ta spjegazzjoni dwar kif il-flejjes mibghuta mill-kwerelanti intefqu minnu. Spjega li l-ammont ta' €2.4 miljun ma kienux intizi sabiex tinxtara propejta` imma Rakhat, li mieghu kien isir il-ftehim, ried li dawn imorru biex jiffinanzjaw kumpanija fl-Awstrija. Il-flus ghax-xiri tal-propjeta` ntbghatu minn Elnara f'kont taghha mal-Bank of Valletta. Peress li A&P Power Ltd. kienet ghada *shelf company* f'Dicembru, 2010, u l-kwerelanti ma kienux ghadhom saru l-beneficcjarji taghha, talbuh isib post fejn seta' izomm dawn il-flus sakemm A&P Power Ltd. tigi trasferita, u kien hemm qbil li l-flus jitpoggew f'kumpanija Trade & Trade Yachting Ltd li taghha hu kien direttur. Zied li hu kien jitla' ta' spiss l-Awstrija fuq xoghol li kien gie inkarigat jaghmel minn Rakhat Shoraz. Il-flus gew depozitati fit-23 ta' Dicembru, 2010, u baqaw hemm sa' Mejju, 2011. Jispjega li ghalkemm setghu gew trasferiti fil-kont taghhom qabel, dan ma

[1] Fol.248

sarx ghaliex kien hemm proceduri legali istitwiti fil-konfront taghhom mill-Kazakhastan u l-parir mill-avukati taghhom fl-Awstrija kien li ma jcaqalqux flejjes. Irrimarka li ma pprofitta xejn minn dawn il-flejjes ghaliex kienu f'kont kurrenti liema kont ma jgibx imghaxijiet. Dwar is-somma ta' €700,000 trasferiti minn A&P Power Ltd. lejn il-kont tieghu, jghid li dan sar bi ftehim ma Rakhat u dan kien *advance fee*, simili ghal dak li kienu qed jaghmlu l-kwerelanti mal-avukati taghhom fl-Awstrija, ghalkemm jammetti li ma kienx hemm ftehim dwar kemm kellhu jkun l-ammont. L-imputat emfasizza li hu kien jifthiem ma Rakhat ghalkemm kienet martu li ghamlet il-kwerela. Stqarr li hi ma kienitx taf x'negozjati kien hemm ma zewgha tant li il-€2.4 miljun ma kienux destinati ghal xiri ta' propjeta` ghaliex kienu gja gew trasferiti €1.5 miljun f'kont taghha.[2]

Illi **Joanna Bartolo,** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc., ipprezentat numru ta' statements ta' kontijiet bankarji f'isem l-imputat kif ukoll Trade & Trade Yachting Ltd u ta' A&P Power Ltd, li wara isimha gie mibdul ghal Zurich Asset Management Ltd.

Illi l-kwerelanta baqghet ma xehdietx f'dawn il-proceduri u b'hekk ma setghux jingiebu provi li b'xi mod jikkontradixxu l-verzjoni moghtija mill-imputat fl-istqarrija tieghu u fl-ispjegazzjoni li huwa ta. Il-fatt li wiehed mill-kwerelanti miet u l-kwerelanta martu ghazlet li ma tridx tigi lura Malta, fejn ghall-ragunijiet ta' sigurta` lanqas hu maghruf, ghajr ghall-avukati taghha, il-pajjiz fejn din qeghda tirrisjedi, certament jimminaw serjament il-kaz tal-prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant abbazi tal-provi li hemm fl-atti il-Qorti ma tistax hlief tillbera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[2] Fol.11-12